


## IL-PURĊISSJONI TA'

# SAN GIRGOR F'ĦAL TARXIEN

L-Erbgħa fuq l-Għid il-Kbir toħroġ purċissjoni, magħrufa bħala ta' San Girgor. Jieħu sehem fiha l-Arċisqof ta' Malta, xi monsinjuri tal-Katidral, ftit seminaristi u xi fratelli ta' l-arċikonfernità ta' San Ġużepp tar-Rabat (Malta). Il-purċissjoni tibda mill-kappella ta' San Klement fiż-Żejtun u tmur fil-knisja arċipretali taż-Żejtun, li hija ddedikata lil Santa Katerina ta' Lixandra. Wara xi talb u l-kant ta' l-antifona ta' Santa Katerina, il-purċissjoni tkompli għall-knisja ta' San Girgor, iż-Żejtun stess. Kif tidħol il-purċissjoni f'din il-knisja tibda quddiesa.

Il-poplu jorganizza xalata f'dan il-jum matul il-bajjiet tan-nofsinhar ta' Malta. L-aktar popolari huma l-Bajja ta' Marsaxlokk u r-Ramla taż-Żejtun. Hawn issir l-għana u l-logħob tat-tombla. Xi żgħażagħ jinżlu l-baħar għall-ewwel għawma. Xi Għawdxin minn ta' Kerċem, li għandhom lil San Girgor il-Kbir bħala patrun tal-parroċċa, flimkien mal-Madonna tas-Sokkors, jiġu jum Malta flimkien mal-banda tagħhom. Din hi biss parti żgħira milli kien isir fl-imgħoddi. Ħal Tarxien ukoll kellu s-sehem tiegħu x'jilgħab u grazzi għal dan inħolqu diversi draw-wiet tipiċi li llum spiċċaw darba għal dejjem.

### IL-BIDU TAL-PURĊISSJONI

Il-bidu tal-purċissjoni kien jibda permezz ta' sparatura ta' tir minn fuq is-swar ta' l-Imdina. Dan kien ikun għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu. Wara żmien, dan it-tir kien jiġi sparat għall-ħabta tal-ħamsa. Dan it-tir ma kien xejn ħlief sinjal lill-kappillani li l-purċissjoni ta' San Girgor kienet ser tibda. L-isqof flimkien mal-monsinjuri kienu jinżlu mill-Imdina bil-mixi għal Ħal Tarxien. Fit-triq kienu jiltaqgħu mal-kleru u l-poplu ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' Ħal Qormi. Il-parroċċi l-oħra kienu jistennew l-Isqof fix-Xagħra ta' Ħal Tarxien (il-Pjazza ta' Raħal Ġdid).

Hemm, iċ-ċermonier kien jibda jsejjaħ il-parroċċi, waħda waħda. Joseph A Farrugia kiteb hekk, "...iċ-ċerimonier kien jibda jsejjaħ raħal raħal skond il-preċedenza – il-Mellieħa, il-Furjana, Ħad-Dingli, Ħal Balzan, Ħal Luqa, Ħal Għaxaq, il-Qrendi, Ħaż-Żabbar, il-Mosta, Ħal-Għargħur, l-Imqabba, Ħal Safi, Ħal Lija, Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, Ħ'Attard, il-Papas tal-Griegi, Portu Salvu, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żurrieq, is-Siġġiewi, iż-Żejtun, Ħal Qormi, Birmiftuħ, in-Naxxar, Bormla, il-Birgu, l-Isla, San Pawl tal-Belt, Birkirkara, il-Patrijiet Minuri Konventwali, il-Karmelitani, l-Agostinjani, il-Patrijiet Minuri Osservanti, id-Dumnikani, il-Kapitlu tal-Katidral u fl-aħħar l-Isqof."

Kull parroċċa kien ikollha s-Salib tal-Kleru, il-kleru, il-fratelli tal-fratellanzi kollha u numru sabiħ ta' parruċċani. Fl-imgħoddi kien jieħu sehem ukoll il-Ħakem u l-Kbarat ta' l-Imdina.

### F'ĦAL TARXIEN

Skond ir-riċerka ta' Patri Mikiel Fsadni, Dumnikan, il-purċissjoni ta' San Girgor bdiet fl-1543 bħala talba lil Alla biex is-slaten ta' l-Ewropa jersqu lejn xulxin f'dak iż-żmien ta' periklu. Id-digriet ta' l-isqof Cubelles kien dakinhar stess irreġistrat fl-Atti tan-Nutar tal-Kurja, Vincenzo Bonaventura de Bonettis. Għall-ewwel bdiet issir nhar San Girgor jiġifieri fit-12 ta' Mejju. Billi n-nies bdiet tibdel dan il-pellegrinaġġ f'okkażjoni ta' divertiment ħdjen il-baħar, fl-1781 l-Isqof Labini ħass li din il-purċissjoni ma kienx baqa' postha f'dan il-jum u ttrasferiha għall-ewwel jum liturġikament liberu wara l-festa ta' l-Għid il-Kbir.

Maż-żmien kien inqala' xi inkwiet bejn xi kolleġġjati u fl-1926 l-Isqof Mauro Caruana ddeċieda li jqassar il-purċissjoni billi eskluda għal kollox mill-purċissjoni, il-kolleġġjati u l-parroċċi kollha. Biex tirrappreżenta lill-fratellanzi baqa' biss l-arċikonfernità ta' San Ġużepp. Il-purċissjoni ma baqgħetx tibda mix-Xagħra ta' Ħal Tarxien, imma mill-knisja ta' Sant'Ubaldeska f'Raħal Ġdid stess. Kienet tgħaddi mill-pjazza u tidħol f'Ħal Tarxien. L-Arċisqof u l-Kleru kienu jidħlu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien fejn kien isir talb wara kikkra kafè fis-sagristija sew għall-Arċisqof u sew għall-kleru. Il-fratelli u l-poplu kien ifittex xi ħanut madwar il-knisja parrokkjali Tarxiniża biex jitrejjaq. Wara l-purċissjoni kien tkompli għaż-Żejtun.

### TOROQ

Il-purċissjoni ta' San Girgor kienet tgħaddi minn dawn it-toroq. Kienet tidħol minn Triq Ħal Tarxien u tgħaddi

quddiem l-iskola tas-Sorijiet tal-Karità u l-kappella ta' San Ġużepp (illum il-kappella tal-Familja Mqaddsa). Wara tidħol fi Triq Paola, għall-knisja parrokkjali. Il-purċissjoni kienet tkompli għal Triq il-Kbira (fl-imgħoddi Triq Irjali) u wara tgħaddi quddiem is-Salib tad-Dejma, tiġbed għal Triq iż-Żejtun, tgħaddi quddiem il-Palazz tal-Markiz Barbaro de San Giorgio. Kienet tgħaddi minn Bulebel għall-knisja arċipretali taż-Żejtun.

## TISPIĊĊA MINN ĦAL TARXIEN

Kien fl-1977 li l-purċissjoni għaddiet għall-aħħar darba mit-toroq Tarxiniżi. Ir-raġunijiet dwar din id-deċiżjoni kienu: (1) il-Pjazza ta' Raħal Ġdid kienet tkun mimlija daqs bajda bin-nies minħabba li kien ikun hemm is-suq li kien jarma fil-parti ta' fuq tal-pjazza, minn fejn kienet tgħaddi l-purċissjoni; (2) it-traffiku kien jibqa' għaddej fuq naħa waħda, sakemm tgħaddi l-purċissjoni mill-pjazza; (3) fl-inħawi ta' Bulebel, il-purċissjoni kellha tgħaddi minn fost il-fabbriki fejn xi ħaddiema bdew id-drawwa li jħarsu mit-twieqi; (4) qabel mal-purċissjoni tidħol fil-knisja ta' San Girgor, in-nies kienu jkunu diġa' marru fil-Bajja ta' Marsaxlokk jew fir-Ramla taż-Żejtun għax-xalata. Għalhekk il-kapitlu tal-Katidral fl-1978 iddeċieda li l-purċissjoni tibda mill-kappella ta' San Klement fiż-Żejtun. B'hekk il-purċissjoni spiċċat għal kollox minn Ħal Tarxien u spiċċaw magħha d-drawwiet Tarxiniżi.

## DRAWWIET TARXINIŻI

Purċissjoni hekk importanti fil-kalendarju tad-djoċesi li ġiet organizzata għal snin twal bilfors twelled drawwiet li l-poplu jwettaq kull sena. Id-drawwiet jistgħu jinġabru f'din il-lista:-

1) It-toroq Tarxiniżi kienu jkunu mimlijin bin-nies fuq il-bankini biex jaraw il-purċissjoni għaddejja. Niftakar imħatra fost in-nies u anke fost it-tfal li jipprovaw jaraw il-purċissjoni hija u dieħla f' Ħal Tarxien u jerġgħu jarawha hija u ħierġa. L-aktar li riedu jaraw kien ikun l-Arċisqof li kien ikollu kappell kbir ta' lewn aħdar bil-faldi kbar u bil-kappamanja. Għamel żmien kien ikollu żewġ paġġi miegħu. Wieħed minnhom kien iżomm l-umbrella. Din kienet biex il-mexxej tad-djoċesi jkollu d-dell mix-xemx ta' April, li taf tkun sħuna u qallila.
2) Billi xi wħud min-nies u anke xi qassisin kienu jkunu ħafjin, il-gvern kien jipprova jnaddaf it-toroq minn fejn kienet ser tgħaddi l-purċissjoni. Il-kenniesa kienu jaslu Ħal Tarxien qabel is-sebħ ta' jum il-purċissjoni. Meta kienu jaslu kienu jqajmu lil kulħadd bit-tħaxwix ta' l-ixkupi u bl-għajjat tagħhom.
3) Kull parroċċa, fil-purċissjoni kien ikollha bandiera żgħira jew żewġ żigarelli mas-Salib tal-Kleru bħala sinjal ta' qima lill-Isqof. Is-Salib tal-kleru ta' l-Isqof biss ma kien ikollu l-ebda tiżjin.
4) Kienet issir ċerimonja fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Wara din l-istess ċerimonja kienet issir fuq iz-zuntier tal-knisja arċipretali taż-Żejtun. Din kienet it-tislima bl-istandardi mill-fratelli. Dawn kellhom iniżżlu l-istandard biex il-kurċetta tmiss ma' l-art u jerġgħu jgħolluh minnufih għal tliet darbiet wara xulxin. Mhux dejjem kienu jirnexxielhom jagħmlu dan. Ġie li l-lasta ta' l-istandard kienet tinqasam fi tnejn bl-iskoss li kien jagħti l-fratell biex itella' l-istandard. Jekk jiġri hekk kienu jgħidu, "Baqa' bil-lasta f'idu."
5) Għall-ħabta tas-sebgħa u nofs il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien kienet tkun mimlija daqs bajda bin-nies. Dawn ma kinux Tarxiniżi, iżda minn barra r-raħal. In-nies kienet tfittex post ewlieni fil-knisja biex tkun tista' tara l-Isqof sewwa. Il-kappillan ta' Ħal Tarxien kien joħroġ fuq l-artal biex jgħid l-Angelus. Hekk kif joħroġ l-Isqof, il-folla kienet timxi warajh fil-purċissjoni lejn iż-Żejtun. Wara kienet tinżel sa Marsaxlokk jew ir-Ramla għax-xalata.
6) In-nies ta' Ħal Tarxien kienu jħallu r-raħal biex imorru l-ewwel sal-Knisja ta' San Girgor u wara għall-Bajja ta' Marsaxlokk għall-għana, il-logħob tat-tombla u xi qabża fil-baħar, l-ewwel waħda ta' l-istaġun.

*Referenzi:*
Mark Agius, *"The San Girgor Procession," The Times*, 2-IV-1986
W R Zahra, *"San Girgor" Penitential Procession, The Times* 22-IV-1986
Mgr Prof Carmel Sant, *San Girgor Penitental Procession, The Times*, 6-V-1986

Joseph C. Camilleri